MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-23 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 189/2005

**Mario u Dorianne Attard (ID 0373971M u 381170M)**

**Vs**

**John u Pauline Gialanze**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta Jannar 2005 fejn l-atturi qed jitolbu sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta seba mija sitta u hamsin lira sebghin centezmu (Lm756.70) rapprezentanti bilanc ta valur ta stock meritu ta skrittura privata ffirmata bejn il-kontendenti datata 17 ta Lulju 2003 koncernanti trasferiment ta avvjament ta hanut.
Bl-ispejjes inkluzi dawk ta mandat ta sekwestru numru 2693/2004 u bl-imghax legali dekorribbli mit-2 ta Novembru 2004 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 27 ta Ottubru 2005 fejn eccepew bhala linea preliminari l-inkompetenza ratione

valoris ta dan it-Tribunal u fil-meritu kkontestaw it-talbiet attrici. B'riserva ghal prezentata ta eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina l-provi migjuba nkluz id-dokumenti esebiti fuq l-eccezzjoni preliminari.

Sema t-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri tal-partijiet dejjem fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

Ikkunsidra:

Illi mill-affidavits prezentati mill-attur u minn missieru ghandu jirrizulta bla ebda dubbju li l-ammont mitlub f'dina l-kawza jirraprezenta bilanc mis-somma ta Lm3,756 u Lm500 li l-partijiet kienu ftiehmu fuq l-istock u bejgh ta vann liema ammonti kellhom jinqatghu permezz ta pagamenti mensili ta Lm200 li ghal xi raguni nspjegabbli l-konvenut waqaf li jhallashom.

Illi in sostenn ta l-eccezzjoni preliminari tieghu, l-konvenuti ghamlu referenza u esebew kopja ta sentenza tal-Qorti tal-Appell sede inferjuri datata 25 ta Jannar 2002 bejn Vincent Brincat vs Domestica Limited. Illi l-argument sollevat mill-konvenuti f'dina l-kawza jidher li jinsab kristalizzat fil-precitata sentenza tal-Qorti tal-Appell. Illi dan l-argument jinsab ukoll rifless fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet Vella Brothers (Tal-Bidnija) Limited vs Francis Galea maghruf bhala Tarcisio Galea u Carin Construction Limited deciza fit-28 ta Ottubru 2003. (Avviz numru 139/2003 SM.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti, kwindi jiddikjara ruhu nkompetenti ratione valoris u konsegwentement ghalhekk jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni tat-talba attrici, b'dan illi l-ispejjes kollha ta din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------